**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 152/2021**

**Appell Nru: 153/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Josef Mario Friggieri**

Illum, 29 ta' Ottubru 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant/appellat, Josef Mario Friggieri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 593283M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-2 ta' Marzu 2021 għall-ħabta ta' 8am u fis-siegħat u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat u/jew xhur ta' qabel ġewwa Birzebbuġia u diversi postijiet ġewwa dawn il-gzejjer ta' Malta b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess diżpozizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'rizoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lil ommu Mary Dolores Friggieri, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali, liema delitt ikkawza offiza psikoloġika fuqha;

2. Ikkaġuna lil ommu Mary Dolores Friggieri, biza li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta′ tagħha, liema delitt ikkawża offiża psikoloġika fuqha;
3. Permezz ta′ xi *network* jew apparat ta′ komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ommu Mary Dolores Friggieri, tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih;
4. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b′mod ieħor lil ommu Mary Dolores Friggieri;
5. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band′ohra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b′mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil ommu Mary Dolores Friggieri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta′ Ġudikatura Kriminali tas-7 ta′ Mejju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 251A, 251B, 251H, 251HA, 339(1)(d), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta u l-Artikolu 49 (a), (b) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta′ Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputat ħati u (1) ikkundannatu kumplessivament sena priġunerija effettiva u (2) ai termini ta′ l-Artikolu 412 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta poġġiet lill-imputat taħt Ordni ta′ Trattament għal zmien tlett snin minn dakinhar u (3) ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta ħarġet Ordni ta′ Protezzjoni favur il-vittma Maria Dolores Friggieri għal zmien sena li tibda′ tiddekorri wara li l-imputat jiskonta din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellat, Josef Mario Friggieri, ppreżentat fil-25 ta′ Mejju 2021, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant ħati ta′ l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u kif ukoll tikkonferma d-*deċide* dwar l-ispejjez tal-esperti, tvarja l-piena inflitta, billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għall-fatti speċi tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, pprezentat fis-27 ta′ Mejju 2021, fejn talab lil din l-Qorti:

1. Tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla u bla effett, tirrevokaha u *ai termini* tal-Artikolu 428 (1) tal-Kodiċi Kriminali tordna li l-atti jintbagħtu lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex tkompli tipproċedi mill-ġdid skont il-liġi kontra l-appellat li għandu jitqiegħed fil-posizzjoni li kien qabel l-għoti tas-sentenza appellata;

2. Sussidjarjament u fil-każ biss li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li m'għandiex tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li:

    (i) Tikkonfermaha biss fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;
    (ii) Tħassarha f'dik il-parti konċernanti l-erogazzjoni tal-piena ta' sena priġunerija effettiva u minflok għar-raġunijiet premessi tgħaddi biex teroga l-piena idoneja komplessiva kontra tiegħu skont il-liġi;
    (iii) Tirriformaha fil-parti fejn kwotat l-Artikolu 412 tal-Kodiċi Kriminali bħala dak li jirregola l-Ordnijiet ta' Trattament u minflok tikkwota l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali bħala dak li jirregola l-Ordni ta' Trattament u
    (iv) Tħassarha f'dik il-parti li ħarġet Ordni ta' Protezzjoni favur il-vittma Maria Dolores Friggieri *ai termini* tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, u minflok tordna li tinħareġ Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-appellat *ai termini* tal-Artikolu 382A tal-Kodici Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Lulju 2021, fejn il-partijiet qablu li l-appell kellu jiġi differit għat-28 ta' Lulju 2021 limitatament sabiex tingħata sentenza fuq l-ewwel aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali dwar in-nullita' tal-proċedura segwita mill-Ewwel Qorti.

Rat is-sentenza preliminari mogħtija minnha nhar it-28 ta' Lulju 2021 fejn l-ewwel aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali ġie miċħud u ġie ordnat il-prosegwiment tas-smigħ tal-appell fir-rigward tal-aggravji rimanenti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant/appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni dwar l-aggravji rimanenti kemm dawk imqanqla mill-Avukat Ġenerali, kif ukoll l-aggravju uniku mressaq mill-appellant/appellat Josef Mario Friggieri.

***Ikkunsidrat:***

Illi, sorvolat il-preġudizzjali dwar in-nullita' tas-sentenza appellata, il-Qorti ser tgħaddi qabel xejn biex tqis l-aggravji imqanqla mill-Avukat Ġenerali billi dawn jitrattaw il-*quantum* tal-piena erogata fil-konfront tal-appellat meta jikkontendi li din mhijiex waħda skont il-liġi.

Illi, *in primis*, l-Avukat Ġenerali jikkontendi li l-piena ta' sena priġunerija mogħtija mill-Ewwel Qorti hija inqas mill-minimu ravvizat fil-liġi u jgħaddi sabiex jagħmel il-komputazzjonijiet tiegħu a rigward l-istess. Illi dan il-punt ġie trattat minn din il-Qorti fis-sentenza preliminari tagħha ta' nhar it-28 ta' Lulju 2021, u dan fir-rigward tal-applikazzjoni tal-aggravanti għar-reati li dwarhom ġie mixli l-appellat u għaż-żieda kosegwenzjali amrbuta mal-istess aggravanti.

Illi, jerġa' jiġi ribadit illi din il-Qorti ma taqbel xejn mal-mod kif l-Avukat Ġenerali għamel il-komputazzjonijiet tiegħu a rigward il-parametri tal-piena f'dan il-kaz. Primarjament, ir-reat tal-fastidju kif imfassal fl-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali iġorr piena ta' priġunerija ta' bejn sitt xhur u sentejn u/jew il-multa ta' bejn €5000 u €10000, filwaqt li r-reat maħsub fl-Artikolu 215B tal-Kodiċi Kriminali iġorr piena ta' priġunerija għal zmien minn tliet xhur sa sitt xhur u/jew multa ta' mhux inqas minn €4,658.75 u mhux izjed minn €11,646.87. Minn qari tal-akkużi addebitati lill-imputat, jirriżultaw żewġ ċirkostanzi aggravanti li dwarhom l-imputat irreġistra ammissjoni u ċioe' illi r-reat ġie kommess fil-konfront ta' ommu, u li l-istess ikkawżalha ħsara psikoloġika. Dawn l-aggravji huma mfassla fl-Artikoli 251H(h) u 251HA abbinati ma' l-Artikolu 202 tal-Kodiċi Kriminali, f'liema każijiet il-piena għandha tiżdied minn grad sa tnejn. Iżda l-Avukat Ġenerali għall-fatt stabbilit illi r-reat seħħ kontra ġenitur, u cioe' f'dan il-każ omm l-imputat, qiegħed jippretendi illi din iċ-ċirkostanza aggravanti għandha tissarraf f'żieda fil-piena għal tlett darbiet (sa massimu ta' hames gradi) u ċioe' taħt il-*proviso* għall-Artikolu 251A[1] tal-Kodiċi Kriminali, imbagħad taħt dak dispost fl-Artikolu 251H(a) u dan għaliex l-imputat kien jirrisjedi ma' ommu, u finalment taħt l-Artikolu 251HA2[2] , apparti iż-żieda bi grad sa tnejn għaċ-ċirkostanza

[1] Iżda l-piena għandha tiżdied bi grad wieħed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1).
[2] Il-piena stabbilita għad-delitti msemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-subtitolu għandha tiżdied bi grad jew żewġ gradi f'kull każ imsemmi fl-artikolu 202, meta u kif applikabbli, iżda fejn dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra diġà tipprovdi għal aggravju tal-piena fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija f'dan l-artikolu, l-ogħla piena tista' tiġi mogħtija.

aggravanti taħt is-sub-inciz (h) għall-Artikou 251H, biex b'hekk l-Avukat Ġenerali qed jippretendi li reat oriġinali li iġorr piena massima ta' sentejn priġunerija ftit ftit jwassal għal piena ta' ghoxrin sena ħabs!

Illi, il-Qorti tqies illi il-kalkolazzjoni tal-piena hekk kif magħmula mill-Avukat Ġenerali ma hijiex konformi mal-liġi. Fil-fatt l-Artikolu 251HA iħares milli dan iseħħ billi jistabbilixxi li fejn jirriżultaw imsemmija f'xi band'oħra fil-Kodiċi l-istess ċirkostanzi aggravanti għandha tingħata biss dik il-piena l-aktar gravi u mhux għal kull dispożizzjoni tal-liġi il-piena tiżdied minn grad sa tnejn!

Illi, dan isegwi li l-ogħla piena li tista' tiġi mogħtija għar-reat maħsub taħt l-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali b'dawn iż-żewġ ċirkostanzi aggravanti ċertament fil-massimu tagħha żgur li ma teċċediex is-sitt snin priġunerija. L-istess jista' jingħad għar-reat maħsub fl-Artikolu 251B li ukoll lanqas ma jeċċedix is-sitt snin priġunerija fil-massimu bl-istess ċirkostanzi aggravanti. *In oltre*, il-piena minima li tista' tiġi mogħtija għar-reat maħsub taħt l-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali b'dawn iż-żewġ ċirkostanzi aggravanti hija ta' disa' xhur filwaqt li il-piena minima li tista' tiġi mogħtija għar-reat maħsub taħt l-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali b'dawn iż-żewġ ċirkostanzi aggravanti hija dik ta' seba' xhur, bil-Qorti trid neċessarjament tapplika dak dispost fl-artikoli 17(d) u (h) tal-Kodiċi Kriminali għall-imputazzjonijiet rimanenti. Dan iwassal għal konkluzzjoni waħda, u ċioe', li t-terminu ta' sena priġunerija impost fuq l-appellant/appellat da parti ta' l-Ewwel Qorti kien wieħed fil-parametri tal-Liġi u mhux taħt il-minimu impost mill-istess, hekk kif qed jikkontendi erronjament l-Avukat Ġenerali.

**Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħdha għalhekk tiċħad dan l-aggravju hekk kif mressaq mill-Avukat Ġenerali.**

***Ikkunsidrat:***

Illi, l-Avukat Ġenerali qiegħed jilmenta ukoll li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni żbaljata tad-diċitura tal-Liġi f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni ta'l-Artikoli 412Ċ u 412D tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti tinnota li waqt is-sottomissjonijiet orali

magħmula fir-rigward ta' dan l-aggravju nhar il-15 ta' Settembru 2021, kien hemm qbil mid-difiza dwar l-istess.

Illi, din il-Qorti f'diversi okkazzjonijiet saħħqet illi l-Artikolu 412Ċ isib applikazzjoni biss *pendente lite*. Dan għaliex tali Ordni tista' tinħareġ biss fil-konfront ta' persuna "akkuzata" u mhux ukoll kontra l-persuna misjuba "ħatja" u dan ai termini ta' l-istess disposizzjoni tal-Liġi. Il-Qorti għandha s-setgħa biss illi mad-deċizjoni finali tagħha tordna il-ħruġ ta' Ordni ta' Trazzin fit-termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk l-Ordni maħruġa ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali ma ssibx applikazzjoni f'kaz ta' sejbien ta' ħtija. Ukoll l-Ewwel Qorti, x'aktarx b'*lapsus* erronjament ordnat il-hruġ tal-Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-appellat ai termini ta'l-artikolu 412 u mhux l-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, u il-Qorti għalhekk ser tgħaddi biex tissana dan in-nuqqas.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħdha għalhekk tilqa' dan l-aggravju hekk kif mressaq mill-Avukat Ġenerali u l-Ordni maħruġ ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ser jiġi revokat u minflok il-Qorti ser tgħaddi biex tapplika dak mahsub fl-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront ta'l-appellat, kif ser tgħaddi ukoll biex tordna li l-Ordni ta' Trattament magħmul mill-Ewwel Qorti għandu jinħareġ taħt l-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali u mhux kif indikat erronjament mill-Ewwel Qorti bħala l-artikolu 412.**

***Ikkunsidrat:***

**L-Aggravju uniku mressaq mill-appellant/appellat – Piena eċċessiva**

Illi, l-aggravju rimanenti huwa dak imressaq mill-appellant/appellat Josef Mario Friggieri fejn qed jilmenta li l-piena ta' sena priġunerija mposta fuqu kienet waħda eċċessiva.

Illi, minn eżami tal-atti processwali jirrizulta, kif ingħad aktar 'il fuq, illi l-imputat Josef Mario Friggieri ġie mixli bir-reat tal-fastidju kif ukoll tal-biza ta' vjolenza, jew 'l hekk imsejjaħ *harassment* kif maħsub fl-Artikoli 251A u 251B tal-Kodiċi Kriminali u dan bl-aggravanti li huma enkapsolati fl-Artikoli 251H u 251HA. Flimkien ma' dawn

l-imputazzjonijiet l-imputat kellu jwieġeb ukoll għar-reati kontravvenzjonali tat-theddid u inġurja kif imfassla fl-Artikoli 339(1)(d) u (e) tal-Kapitolu 9 u finalment ukoll għar-reat dwar l-użu mhux xieraq ta' apparat ta' komunikazzjoni elettroniku li jitkellem dwaru l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, l-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni mogħtija lilha bil-Liġi, għoġobha teroga l-piena ta' priġunerija effettiva u dan wara li l-appellant/appellat, debitament assistit, irreġistra ammissjoni inkondizzjonata għall-akkużi kollha lilu addebitati. Illi *di piu'* minn qari tal-verbal tas-seduta tas-7 ta' Mejju 2021 jirriżulta illi:

> ***"Il-Qorti, in vista tal-ammissjoni tal-imputat fis-seduta tat-30 t'April 2021, reġgħet staqsiet espliċitament lill-imputat (1) jekk ingħatax zmien bizzejjed biex jikkontempla dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija tiegħu; (2) jekk fehemx l-imputazzjonijiet kollha; (3) jekk jafx x'inhi l-piena għal kull waħda mill-imputazzjonijiet; u (4) reġgħet informat lill-istess hija stess bil-pieni applikabbli għal kull waħda mill-imputazzjonijiet."***

Dan għandu jfisser allura illi, konsapevoli tal-piena li seta' jaffaċċja, l-appellant/appellat, debitament assistit, għażel xorta waħda li jammetti għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u ħalla f'idejn il-Qorti timponi dik il-piena li dehrilha li tagħmel ġustizzja fiċ-ċirkostanzi.

Illi, t-tagħlim ġurisprudenzjali jiggwida lill-qorti ta' revizjoni sabiex bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"* –

> ***…The principle nulla poena sine lege does not mean or imply that a Court of Criminal Justice has to go into any particular detail as to the nature and quantum of the punishment meted out, or, where the Court has a wide margin of discretion with various degrees and latitudes of punishment, that it has to spell out in mathematical or other form, the logical process leading to the quantum of punishment.***
>
> ***….. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra): ""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence***

***is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. …. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.***[3]

Illi, l-Artikolu 142(1) tal-*Criminal Justice Act 2003* fl-Ingilterra jistabilixxi ħames prinċipji li għandhom jiġu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bħala:

***(a) the punishment of offenders***

***(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)***

***(c) the reform and rehabilitation of offenders***

***(d) the protection of the public***

***(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.***

Illi, allura min hu imsejjaħ biex jiġġudika ma għandux iħares biss l-interessi tal-persuna ikkundannata iżda għandu jara illi jħares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u is-soċjeta in generali billi jagħti dik il-piena li għandha isservi bħala kastig għal min jikkometti r-reat, li tara li twassal għat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati oħra, li tista' twassal għar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-ħati, li tagħti il-ħarsien meħtieġ lil pubbliku u li l-ħati jagħmel reparazzjoni għal ħażin li jkun għamel.

Illi, jibda' biex jingħad li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda fil-parametri tal-Liġi u pjuttost waħda qrib il-minimu. *In oltre*, din il-Qorti tinnota li r-reati in kwistjoni ġew kommessi minn iben fuq ommu, li fl-opinjoni tagħha, jrenduhom ferm aktar gravi. Dan magħdud, madanakollu, il-Qorti ma tistax tinjora dak li xehdet il-vittma – u ċioe omm l-appellant/appellat - quddiemha nhar il-15 ta' Settembru 2021,

[3] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005.

meta esprimiet ix-xewqa li taħfer lil binha għal vjolenza perpetrata minnu fil-konfront tagħha u ukoll illi hija ma xtaqietx tarah inkarċerat. Il-Qorti ukoll tinnota bi pjaċir li l-appellant/appellat qed jagħmel kull sforz biex jirriforma ħajjtu, illum igħix ma' ħuh u għalhekk 'il bogħod minn ommu, u saħansitra sab impjieg.

Illi, f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tittama u tawgura illi r-relazzjoni bejn l-omm u binha tibqa' sejra dejjem għall-aħjar. *In vista* ta' hekk tħoss illi għandha taderixxi max-xewqat tal-vittma tar-reat li m'għandix tibqa' tħossha trawmatizzata u mweġġa' konsegwenza tar-reati kommessi fil-konfront tagħha. Illi għalhekk, f'dan il-każ, din iċ-ċirkostanza partikolari, abbinata mal-fatt illi l-appellant/appellat jidher li qabad miexi fit-triq it-tajba, kif ukoll fid-dawl tal-ammissjoni minnu rreġistrata, il-Qorti hija tal-fehma illi piena karċerarja ma hija ser isservi ta' ebda benefiċċju la għal-appellant/appellat u wisq anqas għal ommu u għas-soċjetà in ġenerali, u kwindi ser tgħaddi sabiex tirriforma l-piena imposta fuqu billi timponi piena alternattiva għal dik tal-priġunerija effettiva.

**Għal dawn il-motivi kollha suesposti, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali *in parte*, kif ukoll tilqa' l-appell tal-appellant/appellat Josef Mario Friggieri, u tghaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li:**

**i) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant/appellat ġie misjub ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu,**

**ii) tvarja il-piena inflitta billi wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-piena erogata ta' sena priġunerija ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk, matul il-perjodu ta' erba (4) snin mid-data ta' din is-sentenza, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u**

**iii) tirrevoka dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk thassar din l-Ordni hekk imposta u minflok tordna li tinħareġ Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-appellant/appellat Josef Mario**

Friggieri ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana għal zmien sena mid-data ta' din is-sentenza.

iv) Tordna ukoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-appellant/appellat għal żmien tlett snin mil-lum taħt l-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali u mhux l-artikolu 412 kif erronjament indikat mill-Ewwel Qorti.

Il-Qorti twissi lill-ħati bil-konsegwenzi skond il-Liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza jew jekk ma jobdiex l-Ordnijiet imposti fuqu llum.

Edwina Grima

Imħallef